# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Nru. 266/16**

**Karen Camilleri**

**-Vs-**

**Anthony Aquilina**

**Illum, 4 ta' Ottubru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Karen Camilleri fit-28 ta' Ottubru, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil Anthony Aquilina jhallasha s-somma ta' tnax-il elf seba' mija u disgha u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€12,789.53) rapprezentanti bilanc mis-somma akbar ta' tlettax-il elf disgha u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€13,089.53) in kwantu ghal elfejn Ewro (€2000) li sellfitu biex ihallas id-dejn li kellu fuq il-Visa Card tieghu; elf Ewro (€1000) imhallas ghan-nom tieghu bhala depozitu ghal mutur; ghaxart elef (€10,000) li sellfitu biex ikun jista' jhallas il-bilanc tal-prezz tal-mutur; kif ukoll is-somma ta' disgha u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€89.53) imghaxijiet imhallsa minnha lill-bank HSBC Bank (Malta) plc fuq is-self li hadet biex tkun tista' ssellef lill-intimat l-ammont ta' ghaxart elef fuq imsemmi. Huwa hallas lura s-somma ta' tliet mitt Ewro biss.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali, l-ittra ufficjali numru 1841/16 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1836/16, u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta[1] ta' Anthony Aquilina ipprezentata fis-7 ta' Dicembru, 2016 fejn eccepixxa:-

"*Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi mhux minnu li l-esponenti hu debitur tal-attrici fl-ammont ta' tnax-il elf, seba' mija u disa' u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€12,789.53);*
2. *Illi ma kien hemm l-ebda self da parti tal-attrici izda biss rigali u donazzjonijiet li saru f'ambitu ta' relazzjoni bejn il-partijiet li tul l-istess relazzjoni kienu jikkoabitaw u ghaldaqstant, kif normalment jigri, kien hemm drabi meta taw rigali u xtraw affarijiet lil xulxin. Filwaqt li qed jinnega l-pretensjonijiet tal-attrici, l-esponenti jippreciza li kwalunkwe somma li nghatat lilu mill-attrici nghatat bhala rigal, u tul ir-relazzjoni taghhom hu kien jirreciproka billi wkoll kien jixtri rigali u bzonnijiet lill-attrici;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-self li l-attrici ghamlet mal-HSBC mhux relatat mal-esponenti, u b'hekk l-esponenti m'ghandu jbati ebda spejjez in konnessjoni mal-istess;*
4. *Illi l-esponenti irritaljat b'din il-prezenti istanza meta r-relazzjoni tal-partijiet spiccat u hu ghalhekk din il-kawza saret unikament biex tivvessa lill-esponenti;*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tan-nota risponsiva ghall-ittra intavolata mir-rikorrenti ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 16, kontra r-rikorrenti, minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.*

[1] Fol. 4.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-STO il-Prim Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fis-Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2021, kif ukoll in-nota ulterjuri li ġiet awtorizzata tippreżenta fis-7 ta' Lulju 2021;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenuti fis-27 ta' Settembru 2021;

Rat illi l-kawza ġiet imħollija għal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attrici qeghda titlob il-ħlas tas-somma ta' €12,789.53 minghand il-konvenut rapprezentanti bilanc mis-somma akbar ta' €13,089.53 li hija silfitu ghal diversi ragunijiet waqt ir-relazzjoni li kellhom bejniethom, fosthom u b'mod partikolari ghax-xiri ta' mutur. Min-naha tieghu il-konvenut jilqa' ghat-talba billi jsostni illi huwa m'ghandu jaghti xejn ghaliex ma kien hemm l-ebda self da parti tal-attrici izda biss rigali u donazzjonijiet li saru f'ambitu ta' relazzjoni bejn il-partijiet. Mill-provi mbagħad, jirriżulta illi l-konvenut jikkontesta wkoll li huwa rċieva mingħand l-attriċi l-ammont kollu mitlub minnha fir-Rikors promotur u jikkontendi wkoll illi l-ammont li ġiet effettivament mgħoddi lilu mill-attriċi, hija ghaddietulu in parti bhala rigal u in parti bhala self.

Dan ifisser li l-Qorti, qabel xejn, trid tistabbilixxi s-somma li l-attrici effettivament ghaddiet lill-konvenut u mbaghad tiddetermina taħt liema titolu dawn il-flus gew mghoddija lilu.

- **Is-somma ta' elfejn Euro**

Kwantu ghas-somma ta' elfejn Euro, m'huwiex kontestat mill-konvenut illi huwa rcieva dan l-ammont minghand l-attrici bhala self. Jaqbel ukoll u f'kull kaz jirrizulta mill-provi, li dan l-ammont li gie trasferit lilu mill-kont bankarju tal-attrici permezz ta' depozitu li sar fis-6 ta' Jannar 2016 fil-kont bankarju tieghu. L-istess konvenut, b'referenza ghas-somma ta' elfejn Euro, xehed hekk:- "*Huwa minnu pero` li jiena kont ghidtilha lill-attrici li kelli xi flus fuq il-Visa mhux imhallsa u effettivament kelli nhallas xi elf u tliet mitt euro fuq din il-Visa card biex jikkunsidraw it-talba tieghi ghal-loan. Pero` m'ghamilt xejn minn dan ghaliex l-attrici kienet issuggerietli li ssellifli ammont …. U vera effettivament l-attrici hallset ammont ta' flus fuq il-Visa tieghi. Jekk m'inix sejjer zball is-somma ta' elfejn Euro.* »[2] Kemm hu hekk, il-konvenut mhux biss afferma li dan l-ammont kien gie moghti lilu b'self mill-attrici[3] izda stqarr ukoll illi huwa hallas lura tliet mitt Euro mis-somma ta' elfejn Euro li kienet silfitu[4].

- **Is-somma ta' elf Euro**

Il-konvenut izda, jikkontesta l-pretensjoni tal-attrici li hija silfitu wkoll is-somma ulterjuri ta' elf Euro biex ihallas depozitu fuq il-prezz tal-mutur tat-tip 'Harley Davidson' li huwa xtaq jixtri minn Sqallija. Il-hlas ta' din is-somma mill-attrici jirrizulta minn Dok. X1 li juri illi fl-14 ta' Jannar 2016, hija ttrasferiet mill-kont taghha lil certu Francesco Cipolla u Francesca Perotta gewwa kont bankarju Taljan, is-somma ta' elf Euro. Da parti tieghu, il-konvenut xehed illi ghalkemm hu minnu li

[2] Fol. 19.
[3] Ara wkoll xhieda tal-konvenut fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019.
[4] Xhieda tal-5 ta' April 2017, fol. 32, 33.

l-attrici hallset depozitu ta' elf Euro fuq il-prezz tal-mutur direttament lill-venditur permezz ta' trasferiment bankarju, parti minn din is-somma kienet gejja mis-somma ta' elfejn Euro li l-attrici kienet diga` ddepozitat qabel fil-kont bankarju tieghu. Il-konvenut jinnega li l-attrici silfitu l-ammont ulterjuri ta' elf Euro u jikkontendi li l-attrici kienet issuggerietlu li kellu jirtira elf Euro f'kontanti mill-kont fejn hija kienet iddepozitat is-somma ta' elfejn Euro li silfitu ftit qabel biex ihallas il-visa card tieghu, u dan biex hija thallas bihom id-depozitu ghax-xiri tal-mutur. Skont il-konvenut, dan kollu sar sabiex l-attrici tittrasferixxi l-flus tad-depozitu fuq il-mutur, mill-kont bankarju taghha lill-vendituri u dan bil-ghan li jigu evitati xi spejjez bankarji peress li l-attrici kienet tahdem il-bank u setgħet b'hekk tiffranka xi spejjez dovuti fuq it-trasferiment[5].

Il-konvenut esebixxa messaggi stampati li gew skambjati bejnu u bejn l-attrici[6] li juru li fit-13 ta' Jannar 2016, huwa kien bi hsiebu jigbed is-somma ta' €1,000 dakinhar stess u l-attrici qablet li huwa jaghmel dan. Il-Qorti fehmet, u f'kull kaz hu ovvju, li s-soggett ta' dan l-iskambju ta' messaggi kien proprju d-depozitu li kellu jithallas fuq il-mutur u s-self bankarju li l-attrici kienet qed tistenna illi jigi approvat. Il-Qorti fliet ukoll l-istatements bankarji esebiti mill-konvenut u tosserva illi mill-istatement Dok. C[7] jirrizulta li huwa ghamel zewg withdrawals ta' €500 kull wiehed fit-13 ta' Jannar 2016 u fl-14 ta' Jannar 2016. Huwa minnu illi l-konvenut xehed illi huwa rtira s-somma ta' disa' mitt Euro mill-kont tieghu u zied mitt Euro iehor f'kontanti biex jghaddihom lill-attrici – liema *withdrawal* ma jirrizultax mill-istatements esebiti - izda l-Qorti wara li rat l-iskambju tal-messaggi bejn il-partijiet, fuq imsemmija u wara li semghet lill-attrici tiddikjara fix-xhieda taghha li ma teskludix illi effettivament, il-konvenut kien taha l-flus f'kontanti biex hija taghmel it-trasferiment tal-flus lill-vendituri[8], hija konvinta illi kienu x'kienu l-ammonti li effettivament gew irtirati mill-

[5] Xhieda tal-konvenut 31 ta' Jannar 2017, fol. 20.
[6] Dok. B fol. 29.
[7] Fol. 28.
[8] L-attrici wiegbet hekk meta giet mistoqsija mill-Qorti jekk jista' jkun li l-konvenut kien taha l-flus f'kontanti biex taghmel it-trasferiment bankarju lill-vendituri : « *Mhux ha nghidlek li hundred, ma niftakarx, imma mhux ha nghidlek li le.* »

konvenut biex jithallas id-depozitu fuq ix-xiri tal-mutur, dan il-flus gie rtirat mill-kont bankarju tieghu stess.

Huwa ghalhekk immaterjali jekk dan il-flus kienx tal-konvenut jew kienx jifforma parti mis-somma ta’ elfejn Euro li silfitu l-attrici ftit tal-jiem qabel : il-fatt jibqa’ illi l-*withdrawals* indikati fl-istatements, esebiti mill-konvenut, jikkombaċċjaw tajjeb mal-ftehim li jirrizulta mill-iskambju tal-messaggi (Dok. C), liema ftehim ma giex miċħud mill-attriċi. F’dan l-isfond, il-Qorti ma thossx li tista’ twarrab il-verżjoni tal-konvenut biex toqghod minflok fuq il-verzjoni tal-parti attrici ghaliex fil-fehma taghha, l-attrici ma rnexxilhiex tressaq provi materjali biżżejjed biex jagħtu piż lill-pretensjoni taghha li hija avvanzat is-somma ta’ elf euro lill-konvenut **b’zieda** mas-somma ta’ elf euro li kienet silfitu ftit qabel.

In linea ta’ principju generali jinghad illi meta tkun rinfaccjata b`konflitt ta’ provi fil-kamp civili u meta l-verzjonijiet tal-partijiet kontendenti jkunu konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji generali fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : 1) li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u 2) fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima “*actore non probante reus absolvitur*”[9].

Fir-rigward inghad:-

“*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*”[10]

[9] Ara in propositu Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma (Appell Civili, Sede Inferjuri deciza 22 ta` Novembru, 2001) u Xuereb et v. Gauci (Appell Civili, Sede Inferjuri) deciza fl-24 ta’ Marzu 2004.
[10] **Sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili: Horace Anastasi vs Louise Ann Gusman** – deciza 18.3.2021.

Imbaghad, fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:-

"*Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha .... Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12). ... Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet".*

Applikati dawn il-prinċipji għall-konflitt fil-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward tas-self ulterjuri o meno tas-somma ta' €1,000, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-konvenut hija konfortata bir-riżultanzi tal-istatements bankarji u l-messaġġi skambjati bejn il-partijiet, u għalhekk il-Qorti tqis li l-attriċi ma rnexxielhiex tissodisfa l-oneru tal-prova inkombenti fuqha biex tissodisfa lill-Qorti li l-verżjoni tagħha hija, fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, iktar verosimili minn dik tal-konvenut.

Ghaldaqstant, billi ma gietx ippruvata sodisfacjentement, it-talba tal-attrici ghar-rifuzjoni tas-somma ta' elf Euro pretiz mill-attrici qed tigi respinta.

- **Is-somma ta' ghaxart elef Euro**

Illi l-ikbar divergenza fix-xhieda tal-partijiet u l-verzjonijiet rispettivi taghhom hija identifikabbli fir-rigward tas-somma ta' ghaxart elef Euro li l-attrici ssostni li hija ssellfet mill-bank biex tghaddihom lill-konvenut halli jkun jista' jixtri l-mutur tat-tip 'Harley Davidson' minn Sqallija.

Il-Qorti sejra tapplika l-istess prinċipji ġenerali appena kkunsidrati biex tevalwa l-verżjonijiet kunfliġġenti tal-partijiet fir-rigward tas-somma ta' €10,000 u kwindi biex tirriżolvi din il-*vexata quaestio*.

L-attrici tghid li hija hadet dan is-self bankarju u silfet il-flus lill-konvenut halli jista' jixtri minn Sqallija il-mutur li huwa kien identifika u xtaq jixtri, u dan wara li l-bank tieghu ma accettax li jisilfu l-ammont li kellu bzonn. Hi ratu dispjaċut u riedet tgħinu. Il-konvenut, meta gie prodott biex jixhed bhala xhud tal-attrici[11], jirrikonoxxi illi fit-8 ta' Jannar 2016 l-attrici kienet baghtitlu messagg li kienet lesta ssellef l-ammont ta' €10,000 mill-bank u tghaddihulu biex huwa jista' jixtri l-mutur minn Sqallija. Jaqbel ukoll hija ghamlet din il-proposta wara li l-bank ma kienx accetta li jisilfu s-somma li kellu bzonn biex jixtri l-mutur, u b'hekk huwa seta' jhallas lill-attrici lura « *bil-kwiet* ». Dan kollu jirrizulta mill-iskambju tal-messaggi f'Dok. Z, fol. 15 fejn l-attrici qaltlu : «*gietni ideja … jekk trid ituni loan ta' Eur10k issa lili unbad meta tigi s-somma naqtahha biha. Unbad int hallas lili bil kwiet.* »[12]

Madanakollu, il-konvenut jikkontendi li sussegwentement, « *is-sitwazzjoni kienet inbidlet* »[13] minn dak li jidher fl-iskambju tal-messaggi (Dok. Z) u fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017 huwa fisser illi effettivament, il-mutur kien eventwalment inxtara bil-flus li tah huh, Daniel Aquilina. Qal ukoll li l-attrici kienet hallset lil huh u mhux lilu. Huwa qal « *Nikkonferma li l-ghaxart elef li uzajt ghall-mutur gew mislufa lilu minghand hija Daniel Aquilina. Nikkonferma li l-flus inxtraw*

[11] 31 ta' Jannar 2017 u 5 ta' April 2017.
[12] Dok. Z, fol. 14.
[13] Fol. 20.

*bil-flus ta' hija. Jekk effettivament l-attrici mbaghad tat ghaxart elef euro lil hija dan zgur li sehh wara.*"

Il-Qorti, izda, tosserva minnufih illi din il-verzjoni tal-konvenut giet kontradetta mhux biss mill-attrici u mid-dokumenti minnha esebiti, izda giet kuntrastata ulterjorment minn huh stess, Daniel Aquilina, li mhux talli **qatt ma afferma l-allegazzjoni tal-konvenut** li huwa kien silef xi flus lil huh, talli xehed illi l-attrici kienet ghaddietlu l-flus ghax-xiri tal-mutur[14] permezz ta' *bank draft* li gie depozitat fil-kont bankarju tieghu. Dan il-hlas jirrizulta mill-bank draft, Dok. AB, li nhareg f'isem Daniel Aquilina fl-14 ta' Jannar 2016 u gie depozitat fil-kont bankarju tieghu fil-15 ta' Jannar 2016[15]. L-istess Daniel Aquilina kkonferma illi l-attrici avvanzatlu dan il-flus sabiex huwa jgħaddihom lill-konvenut ħalli jixtri l-mutur minn Sqallija u qal ukoll li huwa ghadda l-flus lil huh f'zewg transazzjonijiet li saru fl-14 ta' Jannar 2016 u fil-15 ta' Jannar 2016 fis-somma ta' €5,000 kull wahda, intestati "Harley 48" u "HD Part 2". Daniel Aquilina xehed specifikatament: "*Nghid li l-attrici ghaddietli dawn il-flus ghax-xiri tal-mutur.*"

Il-Qorti tosserva wkoll illi rinfaċċjat sussegwentement b'din il-verzjoni u bix-xhieda tal-attrici, il-konvenut, meta rega' xehed did-darba minn jeddu, fit-12 ta' Marzu 2019, hareg b'verzjoni pjuttost differenti mill-verzjoni preċedenti tiegħu f'tentattiv biex ifisser kif "*is-sitwazzjoni inbidlet*"[16] u xehed illi **ghalkemm l-attrici kienet silfitu l-flus biex jinxtara l-mutur bil-ftehim li huwa jhallasha lura "*gradwalment*"[17], eventwalment hija kienet bidlet il-hsieb taghha u qaltlu li l-flus tathomlu rigal**.

**Il-Qorti tistmerr dan in-nuqqas ta' kredibbilita` tal-konvenut u mhijiex sejra taghti piz lill-verzjoni tieghu meta huwa evidenti li f'tentattiv biex jara kif sejjer jilqa' ghall-provi skjaccanti li ressqet l-attrici in sostenn tat-tezi taghha, xejjen it-**

---

[14] Xhieda 22 ta' Frar 2017 – fol. 24.

[15] Ara wkoll l-iskambju tal-messaġġi li sar fl-14 ta' Jannar 2016, li jidher f'Dok. D annessa man-nota ulterjuri tal-attriċi tas-7 ta' Lulju 2021.

[16] Ara fol. 144.

[17] Xhieda tal-konvenut 12 ta' Marzu 2019, fol. 141.

**testimonjanza li ta huwa stess quddiem il-Qorti b'testimonjanza kuntrarja sussegwenti**[18].

Ikkunsidrat;

Ghall-fini li jigi stabbilit jekk l-oggett – f'dan il-kaz is-somma ta' ghaxart elef Euro - ghaddiex minghand l-attrici ghal ghand il-konvenut b'self jew b'donazzjoni, dak li huwa relevanti fl-istharrig li trid issir mill-Qorti, huwa l-att materjali li bih l-oggett ghadda fil-pussess tal-imharrek, u l-animu li bih inghata. Minn ezami tal-atti u l-provi tal-kawza, m'hemmx dubju illi l-attrici rnexxielha tipprova l-att materjali, ċioe' illi hija ghaddiet is-somma ta' €10,000 lill-konvenut. Kemm hu hekk, il-konvenut fl-ahhar mill-ahhar - wara li dawwar il-verzjoni tieghu - dan ma jiċħdux. Minn hawn ghalhekk il-Qorti tqis li seħħet l-inverzjoni tal-provi billi issa huwa l-konvenut li jehtieglu jipprova l-element essenzjali tad-donazzjoni, cioe` l-aspett soggettiv konsistenti fl-animu tal-liberalita` li bih sehh l-att materjali u dan billi juri li l-flus ma kienux gew mislufa lilu izda inghatawlu bhala rigal.

Gie ritenut in propositu illi:-

"*min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari …* (Kollez Vol XXXII pII p. 472)[19].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Pace vs Rosaria Caruana et**[20], inghad hekk:-

"*ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall- kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi*

[18] Xhieda tat-12 ta' Marzu 2019.
[19] **Mohammed Dau Akaari vs Kevin Lungaro Mifsud et -** Appell Civili, deciz 26 ta' Novembru 2014.
[20] Deciza mill-Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (Kollez. Vol. XXXIII pII p.416).

*immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta` li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona*".

Fix-xhieda tieghu[21] il-konvenut stqarr illi ghalkemm originarjament, il-ftehim kien l-attrici tisiflu l-ammont ta' €10,000 ghax-xiri tal-mutur, l-istess attrici, sussegwentement, waqt ikla fejn kienu ddecidew li jirrikonciljaw wara li kienu hassru r-relazzjoni li kellhom bejniethom, kienet għamiltha ċar li l-flus li kienet silfitu biex jixtri l-mutur, riedet li taghtihomlu rigal u qaltlu "*ma rridx flus tieghu*"[22]. Qal ukoll li l-attriċi qaltu li l-mutur kienet tatulu minn qalbha[23]. Il-konvenut xehed illi f'dak l-istadju l-partijiet kienu ddecidew li jkomplu fir-relazzjoni taghhom, izda din ir-relazzjoni regghet spiccat madwar xahar wara u dan b'mod definittiv.

Da parti taghha, l-attrici tichad kategorikament li lill-konvenut hija qatt qaltlu jew li sar diskors bejniethom li hi ma tridx flus tal-mutur u caħdet specifikatament li bidlet il-ħsieb oriġinali taghha li tghaddilu l-flus ghall-akkwist tal-mutur bl-intendiment li jroddhomlha lura[24]. L-attrici fissret li lill-konvenut hi dejjem qaltlu li jista' jhallasha lura bil-kwiet u ghalkemm f'messaġġ partikolari kienet qaltlu "*gift meta konna flimkien u tittrattani ta' nies*", hija emfasizzat fix-xhieda taghha illi **r-rigal tagħha lill-konvenut kien il-fatt li ssellfet il-flus hija stess mill-bank biex huwa jista' jixtri l-mutur u l-fatt li hija ma insistietx ghall-hlas ta' imghax jew fuq ripagamenti mensili bhalma kien jesigi l-bank kieku l-konvenut ha self bankarju fiz-zmien meta kienu ghadhom f'relazzjoni**.

Il-Qorti minnufih tqis illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-*animus donandi* da parti tal-attrici meta ghaddietlu s-somma ta' €10,000. Mhux talli hekk, talli huwa jammetti fix-xhieda tieghu li "*... qaltli ... li ha ssellifni l-flus hi umbaghad intihomlha bil-mod jien gradwalment u kienet selfitni is-somma ta' ghaxart elef.*" Din l-istqarrija, fil-

[21] 12 ta' Marzu 2019.
[22] Ara fol. 144.
[23] Fol. 144.
[24] Ara kontro-ezami tal-attrici, 3 ta' Lulju 2019.

fehma tal-Qorti, ixxejjen b'mod irrimedjabbli t-tezi tal-konvenut li l-flus qatt seta' jinghata lilu b'donazzjoni: dan qed jinghad ghaliex, kif rajna, il-gurisprudenza pacifika in materja tehtieg il-prova li l-oggett, meta jghaddi f'idejn il-prezunt donand, jghaddi b'mod immedjat u irrevokabbli u li dan l-att materjali jkun akkompanjat bil-volonta` korrispondenti tad-donatarju li jisvesti ruhu minn flusu u jaghmel kontribuzzjoni patrimonjali gratuwita minn hwejgu "*ghal dejjem*"[25].

Hu indiskuss illi dan ma seħħx fil-kaz in dizamina għaliex il-konvenut kif rajna, **jammetti li l-flus, meta gew trasferiti lilu mill-attrici, ghaddew ghandu b'self**. Dan ifisser illi huwa eskluz illi f'dan il-kaz il-flus setghu inghataw lill-konvenut b'donazzjoni jew b'rigal kif minnu eccepit fir-Risposta tieghu. **Ghall-kuntrarju, mix-xhieda tieghu l-Qorti fehmet illi l-kontenzjoni tal-konvenut hija bbazata fuq l-istituzzjoni ta' maħfra tad-dejn pjuttost tad-donazzjoni**.

F'kull kaz - anke minghajr qies tal-aċċettazzjoni tal-konvenut li l-flus meta ghaddew ghandu, ghaddew b'self - il-Qorti ssibha immensament difficli temmen kif l-attrici setghet kellha l-*animus* li taghti donazzjoni lill-konvenut ta' somma li biex taghtihomlu, kellha bżonn min-naha taghha ssellifhom mill-bank. Huwa minnu li sussegwentement, l-attrici rnexxielha ssellef din is-somma mill-bank, izda qabel irceviet is-somma ta' flus li kienet qed tistenna li tircievi minn *early retirement scheme* - liema somma kopriet il-hlas tal-bilanc dovut lil-bank - **kellha taghmel tliet xhur thallas ripagamenti mensili fuq is-self**[26]. Il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi l-fatt li l-attrici rnexxielha thallas lura dan is-self wara biss ftit xhur ma jista' jibdel xejn mill-hsieb originali tagħha li tislef u mhux tiddona dan il-flus lill-konvenut[27]. *Multo magis* meta c-cirkostanzi tal-attrici evidentement ma kienux jippermettu li hija tagħti rigal ta' somma tant sostanzjali kieku ma kienx ghall-hlas prospettiv li kienet qed

[25] Ara Art. 1737 tal-Kodici Civili.
[26] Jirrizulta minn Dok. KC6 (fol. 65, 66) illi l-attrici ghamlet b'kollox erba' pagamenti ta' €96.76 kull wiehed bejn l-14 ta' Jannar 2016 u t-2 ta' Mejju 2016 meta effettivament il-bilanc gie saldat permezz ta' depozitu fis-somma ta' €9,702.49.
[27] Din l-intenzjoni tal-attrici jirrizulta ppruvat mhux biss mill-provi li ressqet l-attrici izda wkoll tinsab konfortata mix-xhieda tal-konvenut innifsu fejn, kif rajna, huwa jaqbel li inizzjalment dan il-flus l-attrici ghaddithomlu b'self.

tistenna tiricievi mill-Bank in segwitu ghat-terminazzjoni tal-impieg taghha mal-istess Bank. Kemm hu hekk, mill-iskambju tal-korrispondenza bejn il-partijiet esebit fl-atti[28], jirrizulta li kieku mhux ghall-hlas prospettiv li kienet qed tistenna tircievi mill-Bank marbut mal-impieg taghha, il-prospett li l-attrici tikseb self bankarju fis-somma ta' €10,000 ma kienx wiehed bla tahbit.

Il-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi fiz-zmien meta ghaddew il-flus lill-konvenut, il-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni biss ghal ftit xhur u mill-provi jirrizulta li hemm qbil li l-attrici offriet li tohrog il-flus ghall-akkwist tal-mutur mhux ghaliex spontanjament riedet taghtih rigal, **izda ghaliex il-konvenut ma rnexxilux issellef l-ammont mehtieg mill-bank huwa stess**[29]. Fir-rigward, l-attrici xehdet li hija stess kienet harget bil-proposta li ssellef il-flus u tghaddihom lill-konvenut sabiex tghinu, ghaliex iddispjaciha tara li l-konvenut ma kienx ser jasal biex jixtri l-mutur li tant xtaq jixtri, kif ukoll ghaliex il-konvenut kellu biza' li l-mutur li ghazel kien ser jinbiegh[30] jekk ma jkollux il-flus biex jixtrih f'qasir zmien. Ghalkemm huwa minnu illi l-attrici harget b'din il-proposta minn jeddha, il-Qorti hi konvinta li din kienet xprunata mill-entużjazmu li ggib magħha relazzjoni gdida u mhux ghaliex l-attrici riedet taghti rigal tal-flus lill-konvenut.

Huwa sinjifikanti wkoll, fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi ghalkemm l-attrici avvanzat lill-konvenut is-somma ta' €10,000 biex jixtri l-mutur, jirrizulta mill-provi[31] li l-konvenut kien innegozja huwa stess direttament mal-vendituri ghall-akkwist tal-mutur minghajr l-involviment tal-attrici u jistqarr ukoll fix-xhieda tieghu li l-mutur huwa xtrah bil-prezz ta' €7,500[32]. Ghall-Qorti, il-fatt illi l-attrici silfet lill-konvenut l-ammont kollu li huwa kien bi hsiebu jsellef mill-bank originarjament, u mhux biss l-ammont rapprezentanti l-prezz tal-mutur, ikompli jikkonvinciha li l-flus ma ghaddewx lill-konvenut bhala rigal izda bhala self, bl-istess mod u bl-istess animu li l-attrici silfitu s-

[28] Ara fost ohrajn, Dok. B esebit mill-konvenut fol. 29.
[29] Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Joanna Bartolo (24 ta' Mejju 2017) li kkonfermat illi t-talba tal-konvenut biex jiehu self bankarju ma gietx accettata u giet rifjutata fis-6 ta' Jannar 2016.
[30] Ara xhieda tal-attrici, 5 ta' Lulju 2017, fol. 45.
[31] Ara xhieda tal-attrici 5 ta' Lulju 2017 kif ukoll xhieda tal-konvenut 5 ta' April 2017.
[32] Ara xhieda tal-konvenut, 5 ta' April 2017.

somma ta' elfejn Euro (€2,000) f'depozitu fil-kont tal-Visa bil-hsieb li tagevolah fl-applikazzjoni tieghu biex jinghata self bankarju f'ismu biex b'hekk jista' jixtri l-mutur.

Maghdud dan kollu – u lil hinn mill-ammissjoni tal-konvenut li l-flus meta ghaddew ghandu, ghaddew b'self - ma jistax jinghad li kien hemm il-hsieb li l-flus jghaddu ghand il-konvenut ghal dejjem, kif mehtieg mil-ligi[33] biex it-trasferiment jitqies bhala donazzjoni. Dan huwa affermat ulterjorment mill-fatt li l-attrici, meta harget bil-proposta li tiehu self bankarju hija stess biex il-konvenut jista' jixtri l-mutur u mbaghad ihallasha lura « *bil-kwiet* », qaltlu immedjatament wara li hija tafdah (« *its not a problem alijja nafdak* ») u kienet moħħha mistrieħ li mhux ser jidħak biha anke f'kaz li ir-relazzjoni bejniethom tispiċċa[34]. Ghall-Qorti m'hemmx dubju li l-konvenut kien ben konxju li l-attrici kienet offriet li tghaddilu l-flus li kellu bzonn bil-hsieb li huwa jhallasha lura, tant illi huwa stess issuġġerixxa li l-mutur jigi registrat f'isimha u jinqaleb fuqu biss meta jhallasha lura[35]. Jinghad ukoll illi n-nuqqas ta' insistenza tal-attrici li l-mutur jigi registrat f'isimha kif issuġġerixxa l-konvenut, ma jista' qatt jitfisser bhallikieku l-attrici avvanzat il-flus lill-konvenut gratuwitament[36].

In propositu gie deciz awtorevolment illi:-

"*Hu car li f'sitwazzjonijiet bhal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed onoruz ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih. F'dan il-kaz hu manifest illi wiehed kellu allura jtendi lejn il-prova tas-self u mhux lejn il-prova tal-liberalita' tramite*

[33] Ara Art. 1737 tal-Kodici Civili.
[34] Ara fol. 52.
[35] Ara fol. 53 (parti minn Dok. KC2)
[36] Il-konvenut xehed ukoll – 22 ta' Ottubru 2019 - li ghalkemm huwa qal lill-attrici *"taf kemm napprezza ghax vera taghmel minn kollox ghalija imma jiena niddejjaq norbot lil haddiehor"*, huwa xorta wahda jsostni li l-flus tathomlu b'rigal.

*donazzjoni. Titotlu ta' trasferiment dan li kien jirrikjedi prova ferm aktar rigoruza u certa minn dik rikjesta fil-kaz tat-titolu ta' self.*"[37]

Applikat dan l-insenjament ghall-gabra tal-provi kollha fl-atti tal-kaz in dizamina, il-Qorti mhux talli tqis li l-provi mressqin mill-konvenut huma ferm 'il boghod mill-grad rigoruz mistenni ghall-prova tad-donazzjoni tas-somma ta' €10,000 mill-attrici, talli l-verzjoni tieghu hi miżgħuda bl-inkonsistenzi u ekwivoci, kontradetta minn ħuh stess u mhux sostanzjata bl-ebda mod minn provi oħrajn oġġettivament riskontrabbli. Dan kollu ghandu jsarraf f'ezitu favorevoli ghat-tezi attrici – li jirrizulta li hi wahda inekwivoka u sorretta f'kull aspett minn provi konklussivi – cioe` li l-flus ghaddew lill-konvenut taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd lura tal-flus. Miżmum ferm dan kollu, ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut illi l-attrici ressqet din l-azzjoni ghall-hlas "*unikament biex tivvessa*" lilu, hija infondata.

Ikkunsidrat ;

Illi kif diga` gie osservat, il-konvenut xehed illi ghalkemm il-hsieb inizzjali tal-attrici kienet illi tisilfu s-somma li hija ssellfet mill-bank, sussegwentement hija ddecidiet li taħfer dan id-dejn u dan meta kienu waqt ikla fejn huma ddecidew li jirrikonciljaw ir-relazzjoni taghhom. Ghalkemm il-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni *ad hoc* dwar il-maħfra tad-dejn, eċċezzjoni li effettivament tikkozza mal-eċċezzjonijiet effettivament imqajma minnu fir-Risposta tiegħu, il-Qorti għall-kompletezza sejra tistħarreġ jekk jirrizultax mill-provi li l-attrici effettivament ħafret l-obbligu tal-hlas ta' dan id-dejn.

Hu minnu li l-Artikolu 1145(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li l-obbligazzjonijiet jispiċċaw bil-maħfra tad-dejn. Hu minnu ukoll li l-ligi ma tirrikjedix xi formalita` partikolari biex id-dejn jinħafer, izda f'kull każ il-maħfra trid tirrizulta sufficjentement ippruvata. Kif diga` stabbilit, il-verzjoni tal-konvenut m'hijiex daqstant affidabbli u ghalhekk l-Qorti ma tistax taghti sostenn lil dak li qal il-konvenut meta din l-

[37] **Margaret Woodall vs Anthony Rapa** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 App.Inf.

allegazzjoni giet kategorikament rifjutata mill-attrici li, kif rajna, ċaħdet li hija qatt ħafret id-dejn in kwistjoni. Lil hinn minn dan, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li tissostanzja oġġettivament l-allegazzjoni li in segwitu ghat-terminazzjoni tar-relazzjoni taghhom, l-attrici iddecidiet li taħfer dan id-dejn[38] u ma tirrizulta lanqas l-iċken raġuni ghala d-dejn kellu jigi maħfur, wisq inqas jirrizulta li kienet l-intenzjoni tal-attriċi li d-debitu jinħafer. Il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova, lanqas fix-xhieda bl-Affidavit ta' Daniela Borg, Nevise Farrugia u Malcolm Borg, illi tikkonforta din it-tezi tal-konvenut għaliex dawn ix-xhieda kollha jisħqu illi l-attriċi kienet qaltilhom li l-mutur xtratulu bħala rigal[39], liema teżi kif rajna, ġiet eskluża anke mix-xhieda tal-konvenut innifsu.

Għalkemm hu minnu illi Malcolm Farrugia[40] xehed illi l-attriċi kienet qaltlu li "*l-mutur kien mixtri bħala rigal*" u "*at that point hi ma riditx flus lura. Just riedet tirranġa r-relazzjoni ma' Anthony*", ix-xhud kien qed jirreferi speċifikatament għal konversazzjoni li seħħet fid-9 ta' April 2016, ċioe' diversi xhur wara li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet diġa ntemmet, filwaqt illi skont il-konvenut, l-attriċi kienet qaltlu li ma tridx flus tal-mutur, fl-aħħar ta' Jannar 2016 waqt ikla fejn il-partijiet irrikonċiljaw[41].

Din il-fehma tal-Qorti tkompli tigi rinforzata mill-fatt li, wara li spiccat b'mod definittiv ir-relazzjoni bejn il-partijiet[42] u l-attrici talbitu jara kif ser ihallasha lura l-flus tal-mutur, l-ewwel rejazzjoni tal-konvenut kienet tabilhaqq « *issa niftaw ghal bejgh* »[43] u kien il-konvenut stess li staqsa lill-attrici tindikalu l-ammont li kien dovut minnu fir-rigward[44]. B'zieda ma' dan, jirrizulta li huwa offra wkoll li jhallasha ammont mensili sakemm jinbiegh il-mutur tant illi talab in-numru tal-kont bankarju tal-attrici biex jibda jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar, liema proposta l-attrici

---

[38] Ix-xiehda li ressaq il-konvenut kollha deponew li l-attrici qalet li xtratlu l-mutur bhala rigal u mhux li hafret id-dejn fl-ammont li kienet siflet lill-konvenut.
[39] "That she bought it as a gift" – Xhieda in kontro-eżami ta' Daniela Borg, fol.234.
[40] Xhieda tat-23 ta' Settembru 2020.
[41] Xhieda tat-12 ta' Marzu 2019, fol. 143, 144.
[42] SKont il-konvenut, ir-relazzjoni intemmet fil-bidu ta' Marzu 2016 – fol. 137 u fol. 143.
[43] Dok. P anness man-nota ulterjuri tal-attriċi tas-7 ta' Lulju 2021.
[44] Fol. 57.

kkonfermat li kienet aċċettabbli għaliha. Kemm hu hekk, jirrizulta illi l-konvenut kien iddepozita pagament fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300) fil-kont bankarju tal-attrici (Dok. KC4, fol. 64) fid-9 ta' Mejju 2016 u dehrlu wkoll li l-attrici kellha tnaqqas mill-ammont li kellu jirrifondilha, is-somma li kien huwa hareg ghax-xiri ta' xi appliances ghad-dar taghha. Dan kollu huwa inkompatibbli mat-teżi tal-konvenut dwar il-maħfra tad-debitu.

Minn dan jirrizulta li t-tezi tal-konvenut li d-dejn kien inħafer m'hijiex sostanzjata – anzi hija kontradetta – mill-provi u ghaldaqstant, sejra tigi mwarrba.

- **Imghax fuq is-somma mislufa**

L-attrici tirreklama wkoll ir-rifużjoni tal-imgħax li hija laħqet hallset fuq is-self bankarju sakemm effettivament dan is-self gie saldat minnha fl-4 ta' Mejju 2016, u dan fis-somma komplessiva ta' €89.53 kif jirrizulta minn Dok. KC6[45]. Illi ghalkemm huwa minnu u gie debitament ippruvat illi l-attrici silfet is-somma ta' għaxart elef Euro lill-konvenut ghaliex dak iz-zmien, il-konvenut ma giex meqjus mill-bank bhala kandidat idoneu ghal self bankarju, il-fatt illi l-attrici hallset l-imghax fuq is-self li hija hadet ma jfissirx illi dan l-imghax ghandu jitqies bl-istess mod bhalma jitqies is-self tal-kapital. Effettivament, kienet l-attrici stess li xehdet illi r-rigal li tat lill-konvenut ma kienx is-somma ta' €10,000, izda **l-fatt li ssellfet il-flus hija stess mill-bank biex huwa jista' jixtri l-mutur u l-fatt li hija ma insistietx ghall-hlas ta' imghax jew fuq ripagamenti mensili biex huwa jista' jhallasha «*bil-kwiet*» minflok bit-termini li jigu imposti mill-bank**.

Inoltre, jigi osservat li l-attrici mhux talli mkien ma xehdet li hija kienet qed tesigi minghand il-konvenut il-hlas tal-imghax fuq is-self - u fil-fatt dan m'huwa msemmi mkien la fix-xhieda taghha u lanqas fl-iskambju tal-messaggi u chats esebiti fl-atti – talli hija xehdet hekk :-

[45] Fol. 65 u 66.

« ... *il-gift tieghu kien illi tajtu rigal, tajtu loan minghajr interessi u ma ppressajtux. Sa dak il-punt ma bdejtx nippressah ghal flus.* »[46]

Ghall-Qorti dan ifisser li l-attrici ma kienetx qed tistenna wkoll li l-konvenut ihallasha l-imghax fuq is-self ghaliex l-ammont misluf kien, fi kliem l-attrici stess, is-somma li hija kienet taf li l-konvenut ried isellef huwa stess minghand il-bank liema self izda, l-bank ma accettax li jikkoncedilu.

Ghaldaqstant, jirrizulta li l-ammont totali li l-attrici silfet lill-konvenut huwa fis-somma ta' tnax-il elf Euro, minn liema somma l-konvenut hallas lura pagament wiehed ta' €300. Dan ifisser illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma komplessiva ta' hdax-il elf u seba' mitt Euro (€11,700).

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut biss safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deciz u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tieghu, tilqa' limitatament it-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ANTHONY AQUILINA ihallas lill-istess attrici s-somma ta' hdax-il elf u seba' mitt Euro (€11,700) ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-ewwel sejha ghall-hlas li saret permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 1841/16 u bl-ispejjez kif mitluba jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[46] Fol. 160.